MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Numru 11111/1111

**Il-Pulizija**
(Spettur Alexander P. Miruzzi)
**vs**
**Mark Lawrence Rizzo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Lawrence Rizzo ta’ 39 sena, bin Emanuel u Doris Josephine nee’ Spiteri imwieled l-Ingilterra fit-08 ta’ Lulju 1965 u residenti gewwa 110/4 St. Joseph, Street Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 216383M.

Talli:-
a) Fis-27 ta’ Settembru 1999 u fil-granet ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer appropja ruhu, billi dawwar fi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata f’idejh jew ikkunsinjata lilu jigifieri karozza

tat-tip Ford Escort b’numru ta’ registrazzjoni LDK385 that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifiku u dan bi ksur t’ l-Artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

b) U aktar talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biex jezercita jedd li ppretenda li kellhu, geghel, bl-awtorita’ tieghu innifsu, lil-xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixxkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejjgu jigifieri karozza tal-marka Ford Escort b’numru ta’ registrazzjoni LDK 385, jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta’ l-ima jew jiehu l-ilma ghalih, jew b’xi mod iehor, kontra il-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali.

c) U aktar talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuraggni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsra jew gharraq il-vettura tal-marka Ford Escort LDK 385 liema hsara tammonta ghall-madwar mja u hamsin lira Maltin (LM150) ghad-detriment ta; Merlin nternational Limited u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghhu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

1. Mill-istqarrija maghmula skond il-ligi mill-akkuzat jirrizulta li dan kera Ford Escort minghand il-Merlin International Limited bir-rata ta’ seba’ liri Maltin (7) kuljum ghal tlett ijiem. Wara li ghalqu t-tlett ijiem zamm il-karozza ghal-erbatax il-jum iehor u s-socjeta imsemmija kellha taghmel rapport lill-Pulizija u l-istess socjeta’ fl-ahhar irnexxielha ssibu. Minghand l-akkuzat din qed titlob is-somma ta’ mija u zewg liri Maltin (LM102):-17 il-jum bis-LM6. Izda l-akkuzat kien hallas LM21 ghat-tlett ijiem bir-

rata ta’ seba liri kuljum. Ghalhekk ghandu jaghti 14 il-jum x LM 6-LM 3= LM 91.
2. Mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-akkuzat ikkaguna hsara fil-karozza ta’ mija u hamsin lira Maltija (LM150). Ha l-karozza fi stat tajjeb. Wara kellu jinbidel fanal u jsir xoghol ta’ tiswija. Saret il-procedura tas-soltu u l-karozza harget bhala tajba u ghalhekk iffirma l-akkuzat. Aktarx li ma hax lura l-karozza mhabba li gratilha din il-hsara. L-akkuzat ghandu jaghti LM 91 + LM150 + LM 12 VAT b’kollox mitejn u tlieta u hamsin lira Maltija (LM 253).
Ghalhekk il-Qorti ssib lill-akkuzat hati ta’ l-ewwel u t-tielet akkuzi u mhux hati tat-tieni.

Rat l-artikoli 293 u 328 (d) tal-Kapitolu 9.

Rat ukoll l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 li ser tapplika billi dan m’hux kaz li jimmerita prigunerija u l-akkuzat ma jahdimx. Bit-tama li l-akkuzat isib xoghol u ma jergghax iqarraq lil-haddiehor u jaghmel kappriccih tilliberah that il-provedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-kapitolu 446 b’dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) minn illum u l-Qorti qed tfisser lill-akkuzat dak li jigri jekk jaghmel reat iehor fi zmien sena minn illum. Tordna lill-akkuzat li fi zmien xahar minn illum ihallas lis-socjeta danneggjata is-somma ta’ mitejn u tlieta u hamsin lira Maltija (LM 253).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------